# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**


---

17 ta' Jannar, 2011

## Minuti tal-laqgha 52(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 52(05) fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis 13 ta' Jannar, 2011 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera , is-Sur Ivan Peresso – Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar kien skuzat minhabba ragunijiet tas-sahha.

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-laqgha tal-Kunsill ma kinitx saret nhar it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2011, minhabba li s-Segretarja Ezekuttiva kienet ma tiflahx.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 51 (05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.1 (51/05) – Applikazzjoni ghal premijiet nazzjonali ghall-apogg lill-intraprizi

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-serata ta' prezentazzjoni saret nhar il-Gimgha 3 ta' Dicembru, 2010, u l-Kunsill Lokali tal-Birgu nghata l-premju ta' konsulazzjoni, li kien jammonta ghal € 5000

1.2 Item 1.2(51/05) –*Farmer's Market* gewwa l-Birgu

Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex terga' taghmel kuntatt mal-membri ta' din l-assocjazzjoni, sabiex issir laqgha u tigi diskussa f'aktar dettal din l-attivita.

1.3 Item 1.4 (51/05) Zvillupi dwar il-progett tal-"Gnien Pubbliku fuq tal-Hawli

Is-Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet inkonessjoni mal-progett tal-"Gnien Pubbliku Fuq tal-Hawli" u nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Awtorita tad-Djar, nhiedet din l-iskema ta' rigenerazzjoni fl-Oqsma tad-Djar tal-Gvern u ser tilqa' l-proposti sat-28 ta' Jannar, 2011. Is-Sindku zied jghid li qed issiru diskussjonijiet mal-Perit Duncan Mifsud dwar il-preparamenti tax-xoghlijiet inkonessjoni ma' dan il-progett.

1.4 Item 2.1 (51/05) Attivita b'risq il-"Malta Community Chest Fund"

Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li mil-*get together* li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien organizza fi zmien il-Milied, ingabret is-somma ta' € 300 ghall-"Malta Community Chest Fund".

1.5 Item 2.2 (51/05) Esebizzjoni temporanja ta' ritratti u *artistic impressions* tax-xoghlijiet inkonessjoni mar-restawr tas-swar fil-Birgu

Is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu qieghed jistenna risposta mis-sur Hermann Bonnici jew ossija mid-Direttorat tar-restawr fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali.

1.6 Item 2.3 (51/05) Hruq tan-nar mil-area maghrufa bhala "il-Glaziz"

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsillilera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel mandate ta' inibizjoni kontra l-Puliziija peress li ghalkemm il-Kunsill kien oggezjona li jinghata l-permess biex jinharaq nar ta' l-ajru mil-area maghrufa bhala l-"glaziz", fl-okkazjoni tal-festa tal-Kuncizzjoni, l-pulizija xorta kienet ser taghti l-permessi mehtiega. Is-Sindku qal li l-qorti nfethet b'urgenza s-Sibt 4 ta' Dicembru, 2010 u l-imhallef tah ordni lil Pulizijia li ma jinharg l-ebda permess qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li l-ispejjez tal-qorti ser ikunu ghas-spejjez tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, issugerixxa sabiex tintbaghat issir laqgha mal-Kumitati tal-Festi Esterni ta' San Lawrenz u ta' San Duminku, fejn jigu nfurmati li mhux ser jinghata iktar permess ghal hruq tan-nar min din l-area. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Item 2.6 (51/05) Il-bini mil-gdid tal-Mina fi Triq il-Mina l-Kbira

Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil kunsilliera li s-suggeriment tas-sur Anthony Farrugia, sabiex fin-nofs tal-mina titpogga l-arma tal-Birgu ma giex approvata, dan ghal fatt li d-



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

direttorat tar-Restawr, jixtieq li s-sur jsir semplici kemm jista’ jkun u jzomm l-originalita tieghu. Is-Sindku zied jghid li huwa ppjanat li l-mina tkun lesta ghal nofs Marzu ta’ l-2011. Wara diskussjoni, s-sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghmel arblu tal-fibre jew ta’ l-injam, kif ukoll bandiera tal-Birgu sabiex jitpogga fuq din il-mina u barra min hekk fuq dan l-arblu titella’ biss il-bandiera tal-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.8 <u>Item 2.14(51/05) Laqgha Annwali ta’ l-Assocjazzjoni “Walled Towns Friendship Circle”</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li kemm is-Sindku tal-Belt Valletta, kif ukoll is-Sindku tal-Belt ta’ l-Imdina, jixtiequ li din il-laqgha issir gewwa Malta, biss importante li ssir bejn it-tlett Kunsilli. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mar-rapprezentanti tat-tlett Kunsilli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.9 <u>Item 2.21 (51/05) Devoluzzjoni ta’ l-ewwel sular ta’ Couvre Porte</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li hu kellhu laqgha ma’ l-Onorevoli Chris Said, fejn giet diskussa f’aktar detall id-devoluzzjoni ta’ l-ewwel sular ta’ Couvre Porte, fejn kien hemm qbil lid an is-sular jigi devolut lil Kunsill Lokali tal-Birgu, kif diga kien miftiehem.

1.10 <u>Item 3 (51/05) Sala tal-Parocca tal-Birgu</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera, li hu kellhu laqgha mal-Arcipriet Fr. Joe Caruana fejn giet diskussa din il-proposta, sabiex is-sala, il-“Parish Hall” tigi devoluta lil Kunsill Lokali tal-Birgu, biss is-Sindku zied jghid li din hija responsabilta tal-kapitlu, fejn l-istess kapitlu,diga beda xoghlijiet ta’ restawr f’dan il-post.

1.11 <u>Item 4 (51/05) Konferenza tal-progett “Oralities” fil-Birgu f’Marzu, 2011</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva korrispondenza minghand is-sur Rui Arimateia, *head* tal-progett Oralities, fejn nfurmana li l-laqgha li jmiss ser issir gewwa l-belt ta’ Evora fil-Portugal, dan sabiex jigu diskussa f’aktar dettal il-finanzi ta’ dan il-progett. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti unanimament qablu li ghal din il-konferenza jattendu s-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva minhabba l-fatt li ser jittiehdu decizjonijiet dwar il-finanzjament ta’ dan il-progett.

1.12 <u>Item 5 (51/05) Taghrif dwar il-progett tal-Berga ta’ Franza.</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet li qed isiru fil-Berga ta’ Franza. Is-Sur Boxall nforma lil Kunsilliera li l-kumpanija “Dhalia Real Estate” offriet li thallas ir-restawr tas-sala ta’ fuq tal-Berga ta’ Franza, barra min hekk, is-Sindku zied jghid li qed issir hafna xoghol iehor mil-haddiema assenjati mal-Kunsill ta’ l-IPSL u l-ETC fl-imsemmija Berga.

Hawnhekk, is-Sindku qal li l-Kunsill bl-ghajnuna tal-MEUSAC qed jahdem sabiex japplika ghal fondi ta' l-ERDF, b'ko-finanzjament mil-Unjoni Ewropea. Is-Sindku zied jghid li l-istima ta' dan il-progett hija -il fuq minn € 2 miljun u nforma lil kunsilliera prezenti li qed issiru l-preparamenti mehtiega biex jinhargu tlett tenders ghas-servizzi nkonessjoni ma' dan il-progett li jinkludu, s-servizz ta' perit u konsulent, servizz ta' *electrical engineer* u s-servizz ta' *interior designer.*

Is-Sindku hawnhekk ghamel referenza ghaz-zjara ufficjali tal-GranMastru ta' l-Ordni Sovrana tal-Kavallieri ta' Malta fejn qal li ser ikun impossibli ghal Kunsill biex jorganizza l-ghotja tac-cittadinanza onorarja fi zmien daqshekk qasir. Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li f'konversazzjoni ma' l-Eccelenza Tieghu Fra John Edward Critien, kavallier residenti fil-Forti Sant'Anglu stqar li jekk din ma tinghatax, tkun tista' tinghata aktar-il quddiem, bid-differenza li ma tkunx waqt zjara statatali imma organizzata mil-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex is-sala ta' fuq tal-Berga ta' Franza, tissema' ghal GranMastru La Vallette, jew inkella ghal GranMastru Fra Andrew Bertie. Wara diskussjoni, s-sinjura Miriam Grech issugerit li din is-sala ghandha tissema' ghal GranMastru La Vallette. Is-Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.13 <u>Item 6 (51/05) Il-Progett "Secret"</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li hu flimkien mas-Sinjura Moira Azzopardi, project co-ordinator ta' dan il-progett attendew ghal konferenza li saret fil-belt ta' Brezno fi Slovakia bejn it-8 u l-11 ta' Dicembru, 2010, u l-presentazzjoni li saret holqot interess kbir mil-partecipanti prezenti ghal din il-konferenza

1.14 <u>Item 7(51/05) Attivita f'Lulju, 2011</u>

Is-Sindku qal li s-sotto-kumitat gie ffurmat u qed jahdem u jintaqa' kontinwament. Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tax-xoghol li qieghed issir min-naha ta' dan is-sotto Kumitat u huwa ppjanat li din l-attivita tittella' fi 22 ta' Lulju, 2011. Hawnhekk is-Sindku stqar li huwa mportanti li din l-attivita ma tkunx l-ewwel darba li ssir, izda tibda titella' kull sena, jinzamm tajjeb l-*image* tal-Grand Harbour Marina, kif ukoll dik tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u jkun hemm profit biex b'hekk tkun tista ssostni l-attivita tal-BirguFest 2011. Is-Sur Boxall, nforma lil Kunsill, li qed isiru d-diskussjonijiet sabiex il-Kunsill ma jkunx l-organizzatur ufficjali ta' din l-attivita, izda ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u dan sabiex l-istess Kunsill ikkun jista' jinghata donazzjoni bhala rikonoxximent ta' l-ghajnuna u l-kontribut li l-istess Kunsill ikun tah. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku ssugerixxa ukoll sabiex is-Sur Ben Stuart, ikun membru attiv f'dan is-sotto Kumitat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2 <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku nforma ipprezenta u notifika lil Kunsilliera fejn gew mgharfa bil-konferenzi kollha li s'issa hemm ippjanati ghas-sena 2011, konferenza li huma tal-progett "Sea to

Land", "Secret", "Oralities", kif ukoll l-konferenza generali ta' l-Assocjazzjoni AVEC. Is-Sindku talab lil kunsilliera jinfurmaw lis-Segretarjajekk huma interessati li jattendu flimkien mal-gruppi li jirraprezentaw l-Belt tal-Birgu fil-progett Oralities.

2.2 Ittra mil-kumpanija ADR Estepa – Sierra Sur fi Spanja, fejn talbu lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jibghat informazzjoni fuq l-istess Kunsill ghal applikazzjoni tal-progett "MED Cities, Cities of Senses.

2.3 Ittra minghand is-sur Charles Flores fejn talab lil Kunsilli Lokali tal-Kottonera biex flimkein iniehdu ktieb "A Cottonera Childhood", rakkont nostalgiku li minbarra li jkun fih storja divertenti fl-istess hin johrog ukoll id-drawwiet, l-attrazzjonijiet, il-wirt storiku u kulturali, l-aspett socjo-ekonomiku u l-*joi de vivre* li tant tispikka fin-nies tal-kottonera. Is-Sindku zied jghid li s-sur Flores qed jitlob finanzjament ta' €500 minghand kull Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mas-sur Flores biex jigi diskuss f'aktar dettal dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Amabile Galea & Sons ghal puggaman fi Triq il-Lvant, ghal prezz ta' €615. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jilqa' u japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kumitat tar-Regjun tax-Xlokk ha d-delegi tieghu u ghaldaqstant l-Kumitat Kongunt Fgura mhux ser jibqa' jopera.

2.6 Ittra minghand il-Fondazzjoni TYR fejn infurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-konferenza li jmiss ser issir bejn is- 6 u l-10 t'Ottubru, 2011, gewwa Malta, u dawn id-dati gew maghzula sabiex il-partecipanti f'din il-konferenza jattendu ghall-attivita tal-BirguFest 2011. Is-Sindku stqar li ghalkemm il-Kunsill ser jghin lil din il-fondazzjoni, l-istess Kunsill mhux f'posizzjoni li jikkontribwixxi finanzjarjment sabiex tigi organizzata din il-konferenza f'Malta, kif gie mitlub u ssugerixxa sabiex fl-iqsar zmien possibli din il-Fondazzjoni tigi mgharfa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Ittra minghand is-sinjrua Lorraine Aquilina, l-youth worker li qed tiehu hsieb il-Kunsill Lokali taz-Zghazagh fil-Birgu, fejn nfurmat lil Kunsill li s-Sindku ta' dan il-Kunsill gie elett s-sur Matthew Tabone, filwaqt li l-Vici Sindku gie elett s-sur Eman Formosa, u s-Segretarju ser ikun s-sur Matty Vassallo. Is-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha maghhom sabiex jintroducu lilhom nfushom lil Kunsill u jinghata bidu ta' tmexxija ta' dan il-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Talba mis-sinjorina Bernice Buhagiar sabiex lejn l-ahhar ta' Marzu, bidu t'April itella' esebizzjoni ta' l-arti fil-Berga ta' Franza. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sur John Boxall ipprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsill, Memo 2/2011, mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar "The Digital Swtichover", fejn il-kumitat ezekuttiv talab lil dawk il-Kunsilli Lokali kollha interessati li jorganizzaw sezzjonijiet ta'

informazzjoni ghal pubbliku, liema sezzjonijiet isiru bejn Marzu u Mejju, 2011. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jorganizza dawn is-sezzjonijiet ta' informazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku, s-sur John Boxall, ipprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti Memo 151/2010, dwar l-*appraisal report* u l-*performance bonus* tas-Segretarja Ezekuttiva. Wara diskussjoni s-sinjura Miriam Grech, kunsilliera pproponiet sabiex ghax-xoghol mghoti fis-sena 2010, is-Segretarja Ezekuttiva ghandha tinghata 10% *performance bonus*. Il-Kunsillier Ivan Peresso, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Min-naha taghha s-Segretarja Ezekuttiva rringrazzjat lil Kunsilliera. Hawnhekk is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex tipprepara l-*performance appraisal* tal-haddiema klerikali u kif diga kien hemm decizjoni tal-Kunsill sostna li dawn ghandhom isiru kull tlett xhur u jekk dan ma jsirx ikun nuqqas.

2.11 Ittra minghand is-sur Lorenzo Zahra, Segretarju tas-Socjeta Storika Kulturali – Vittoriosa fejn talab lil Kunsill, sabiex "Jum il-Birgu" jkompli jigi ccelebrat fis-7 ta' Settembru. Wara diskussjoni l-kunsilliera Miriam Grech issugerit li jsir sotto-kumitat ghal din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Is-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera, li l-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Ghawdex iffirmaw ftehim bil-ghan li ssir applikazzjoni kongunta ghal Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.

2.13. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li bl-ghajnuna ta' l-iskema tal-ko-finanzjament ghal Progett ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea, l-Kunsill tal-Birgu ser jinghata l-ammont ta' € 7410 ghal progett "SECRET".

2.14 Is-Sindku pprezenta proposta minghand il-Kumpanija ARMS ltd. Fejn talbet lil Kunsill sabiex jipprovdi kamra fil-bini amministrattiv tal-Kunsill sabiex darba fil-gimgha rapprezentanti ta' din il-kumpanija jaghtu servizz ta' *customer care* lir-residenti tal-Birgu u tal-vicinanzi. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha maghhom, fejn tintalab donazzjoni ta' € 2, 400 ghal uzu ta' ufficju fil-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil kunsilliera li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2011 ser tkun ta' €253,098. Wara diskussjoni s-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li d-Direttur Generali,s-sur Martin Bugelli, nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu li ghas-sena 2011, l-allokazzjoni zdiedet b' €8341, fejn € 4,208 huma ghal manutenzjoni tat-toroq li huma turgien u b'€ 4,133 ghat-tindif ta' dawn it-tip ta' toroq b'total ta' € 8341 u meta wiehed jara z-zieda mil-allokazzjoni tas-sena 2010 li kienet ta' €7670, dan l-ammont mhux korrett . Is-Sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex tigi diskussa l-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu mad-Direttur Generali s-Sur Martin Bugelli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li taht l-iskema ghal inizjattivi ta' attivitajiet ghas-sena 2011, il-Kunsill Lokali tal-Birgu nghata l-ammont ta' €10,000 ghal attivita tal-

BirguFest 2011 filwaqt li l-attivita ta' Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha u l-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti mhux ser jinghataw assistenza finanzjarja.

2.17 Is-sur John Boxall, Sindku pprezenta "*artistic impression"* ta' tabelli informattivi li sid l-hanut "Del Borgo", s-sur Alan Mercieca Bons jixtieq jaghmel bhala donazzjoni lil Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u ntghazel wieghed mil-mudelli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3 Laqgha Annwali lir-residenti

Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Laqgha Annwali lir-Residenti issir nhar il-Hamis 17 ta' Frar, 2011 fis-6:30 ta' filghaxija fil-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4 Rendikont ta' l-attivita tal-"BirguFest 2010"

Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta ghal approvazjoni tal-Kunsill ir-rendikont ta' l-attivita tal-BirguFest 2010 li saret bejn it-8 u l-10 t'Ottubru, 2010. Is-Sindku qal li l-ispejjez totali ta' din l-attivita lahqu € 31,336.63 filwaqt li ghal din l-attivita l-Kunsill ircieva l-ammont ta' € 29,801.58 bhala donazzjonijiet ghal din l-attivita. Is-Sindku qal li din l-attivita swiet lil Kunsill Lokali tal-Birgu € 1,535.05. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta ukoll ghal approvazzjoni tal-Kunsill, ir-rendikont ta' l-attivita tal-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti, li sar nhar il-Hadd 14 ta' Novembru, 2010. Is-Sindku qal li l-ispejjez totali ghal din l-attivita lahqu € 7974.27, filwaqt li ghal din l-attivita l-Kunsill ircieva l-ammont ta' € 7,570 bhala ghajnuna mil-Iskema ghal attivitajiet . Is-Sindku qal li din l-attivita swiet lil Kunsill Lokali tal-Birgu  404.27. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5 Impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sinjorina Ritianne Bonnici tat in-*notice* taghha nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru, 2010 u l-ahhar gurnata ta' impjieg mal-Kunsill Lokali tal-Birgu kienet nhar it-Tlieta 11 ta' Jannar, 2011. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ga hareg sejha interna kif ukoll talab lil Korporazzjoni ghax-xoghol u tahrig, sabiex tintbaghat il-lista ta' applikanti ghal dan l-impjieg. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti qablu sabiex l-*interviews* ghal dan l-impjieg issiru nhar l-Erbgha 19 ta' Jannar, 2011, fil-Berga ta' Franza u jibdew fi 8:30 ta' filghodu.

6 **Allokazzjoni ghal Ufficju Informattiv ghat-Turisti fil-Birgu**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta talba li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat lil Onor. Mario Demarco, sabiex fil-Berga ta' Franza, jinfetha ufficju informattiv ghat-Turisti. Is-Sindku qal li dwar din it-talba hemm zvillupi posittivi li tant hu hekk li qed isiru l-*costings* tax-xoghlijiet involuti sabiex kamra f'din il-Berga issir ufficju informattiv ghat-Turisti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

7 **Tender ghaz-zamma tat-tindif tal-lattrini pubblici fil-Birgu**

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li prezentament l-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed ihallas € 12,037.66 ghaz-zamma tat-tindif tal-lattrini pubblici li jinsabu fil-Birgu, li jinkludu l-lattrina li tinsab f'Sally Porte, fil-post maghruf bhala it-Toqba, dik li tinsab f'Xatt ir-Rizq kif ukoll dik li tinsab fi Triq San Dwardu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill johrog dan l-imsemmi tender. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku zied jghid li s-Segretarja Ezekuttiva gibdet l-attenzjoni li t-tender ghal manutenzjoni ta' l-istreet lighting, t-tender ta' l-avukat, t-tender tat-tindif tat-toroq kif ukoll it-tender ghal manutenzjoni tat-toroq kienu skadew u ssugerixxa biex jinhargu immedjatament. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

8 **BirguFest 2011**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li nhar l-Erbgha 26 ta' Jannar, 2011, ser issir laqgha ghal dawk ir-residenti kollha li jixtiequ jghinu lil Kunsill bhala volontiera fl-organizazzjoni ta' attivitajiet bhal l-organizazzjoni tal-Birgufest 2011 u attivitajiet ohra li jigu organizzati min zmien ghal zmien fil-Birgu. Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa sabiex l-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti din is-sena issir bhala parti mil-attivitajiet tal-Birgufest 2011, tal-Hadd wara nofsinhar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9 **Affarijiet Ohra**

9.1 Il-Kunsilliera Miriam Grech, ghan-nom tal-Kumitat Partit Nazzjonalista Birgu tablet lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fi zmien il-Karnival juzaw il-Berga ta' Franza sabiex jitella' *party* ghat-tfal. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-Sur Ivan Peresso - Kunsillier, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7830 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmis issir nhar il-Hamis 3 ta' Frar, 2011 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |